MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali – REĠJUN NOFSINHAR

**Laqgħa Numru 31 – 3 Kumitat**

**Il-Ħamis 06 ta' Frar, 2020**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 395, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, fil-5.30pm.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| President tar-Reġjun | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Renald Falzon |
| Sindku Żurrieq | Is-Sa Rita Grima |
| Kunsilliera Ħal Għaxaq | Is-Sa Rose Agius |
| Viċi Sindku Ħaż-Żebbuġ | Is-Sur Mark Camilleri |
| Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella |
| Viċi Sindku Ħal Luqa | Is-Sur Kearon Bruno |
| Sindku Santa Luċija | Capt. Charmaine St John |
| Sindku Mqabba | Is-Sur Omar Farrugia |
| Sindku Ħal Safi | Is-Sur Johan Mula |
| Viċi Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |

| | |
|---|---|
| Sindku Ħal Kirkop | Is-Sur Terence Agius |
| Sindku Siġġiewi | Dr Kurstein Sant |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |
| Deputat President/Sindku Qrendi | Is-Sur David Michael Schembri |

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti

Il-President  is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 31.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

31.1.1 Il-President qara l-apoloġiji tas-Sindki tal-Ħamrun, tal-Qrendi fejn taw ir-raġunijiet għaliex ma setgħux ikunu preżenti u talbu li jkunu skużati.

30.1.2 Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

## 31.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti;

31.2.1 Il-President ressaq il-minuti tat-tletin (30) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

31.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Renald Falzon u ssekondata mis-Sa Rita Grima, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-minuti msemmija.

## 31.3 Komunikazzjoni mill-President;

31.3.1 Il-President ħabbar lill-Membri preżenti li hu u s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun iltaqgħu mas-Sur Nicholas Spiteri, il-konsulent tar-Reġjun għall-avveniment Festa Nar fejn ġew diskussi temi relatati mal-attività ta' din is-sena. Fost affarijiet oħra ġie maqbul li jinbidel il-programm biex ma jibqax repetittiv u kull għaqda se jkollha 4 opzjonijiet ta' xogħol pirotekniku differenti minn fejn tagħżel. L-għaqdiet jistgħu jagħżlu minn xogħol pirotekniku bbażat fuq ftuħ, beraq, kulur u saħansitra piromużikali. Il-ħlas lill-għaqdiet ivarja skont l-għażla.

31.3.2 Il-President informa li biex Festa Nar 2020 tingħata aktar ħajja ġie milħuq ftehim mal-Band Bernie and Pod biex jagħmlu spettaklu live  ta' siegħa b'mużika oriġinali minn tagħhom flimkien ma' diski oħra popolari kemm Maltin kif ukoll barranin.

31.3.3 Il-President informa li kien hemm żewġ lokalitajiet li wrew interess li jospitaw lil Festa Nar 2020. Dawn kienu l-Imqabba u sit ieħor indikat bi ftehim bejn Ħal Luqa u l-Gudja. Fil-jiem li ġejjin, is-Sur Nicholas Spiteri se jkun qed jiltaqa' mas-Sindki ta''dawn il-lokalitajiet biex jiddiskutu l-proposti fuq il-post indikat. Reġjun Nofsinhar se jkun qed jimxi fuq ir-rakkomandazzjonijiet tas-Sur Spiteri.

31.3.4 Il-President irrefera għal-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' Reġjun Nofsinhar fejn irrimarka li kollox jinsab lest għal din l-attività annwali. Semma' li għandna l-konferma tal-attendenza tal-Onorevoli Ministru Dr Josè Herrera li hu l-Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali.

31.3.5 Il-President informa li d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali talab lir-Reġjun jibgħatlu l-lista tal-avvenimenti u attivitajiet li għandu ppjanati fil-qarib biex tiġi mgħoddija lill-Ministru responsabbli. Din hi konferma li l-Ministru jemmen fir-Reġjuni u lest jaħdem magħhom għall-ġid tal-lokalitajiet kollha.

31.3.6 Il-President wera s-sodisfazzjon tiegħu wara li l-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ avviċinawh biex jgħin f'inizjattiva ta' mixja edukattiva bi żjarat lil xi kappelli fl-inħawi. Il-President wiegħed li se jkun qed jagħti kopja tal-ktieb 'Id-Devozzjoni u l-Kult Marjan fir-Reġjun tan-Nofsinhar' lir-residenti li jipparteċipaw f'din il-mixja. Hu ħeġġeġ Kunsilli Lokali biex joħorġu b'inizjattivi simili biex jiġi apprezzat aktar il-patrimonju Malti.

31.3.7 Il-President fakkar lill-Membri li r-Reġjun jikkunsidra li jissieħeb ma' lokalitajiet f'inizjattivi u attivitajiet fuq bażi Reġjonali. Dawk interessati huma mitluba jressqu l-proposti tagħhom lis-Segretarju Eżekuttiv biex jiġu mressqa fil-laqgħat tar-Reġjun.

31.3.8 Waqt il-Ħin allokat għall-mistoqsijiet, is-Sur Johan Mula staqsa jekk ir-Reġjun hux se jkollu EU funds Officer.

31.3.9 Il-President wieġeb li hemm il-ħsieb li matul din is-sena toħroġ sejħa ta' interess biex ir-Reġjun jibda joffri servizz ta' EU funds Officer biex jgħin lill-Kunsilli Lokali ħalli jibbenefikaw minn programmi ffinanzjati minn fondi Ewropej u jgħinhom jimmaniġġjawhom.

31.3.10 Dr Kurstein Sant staqsa jekk wara li l-Kunsill Reġjonali ppubblika ktieb is-sena l-oħra, għandux il-ħsieb din is-sena li jagħmilx xi attività kulturali simili.

31.3.11 Il-President wieġeb li l-pubblikazzjoni tal-ktieb saret minn fondi li r-Reġjun ħa mingħand l-Aġenzija LESA. Din is-sena hemm il-ħsieb li jerġa joħroġ skema ta' għajnuna simili bħal dik tas-sena l-oħra fir-rigward ta' attivitajiet kulturali fil-lokalitajiet.

31.3.12 Is-Sur Scott Camilleri issuġġerixxa li għal Festa Nar isir xi tip ta' trasport bla ħlas mil-lokalitajiet tar-Reġjun.

31.3.13 Il-President qal li s'issa qatt ma nħasset il-ħtieġa u qatt ma kellu talba għal din l-inizjattiva. Hu qal li ħa jevalwa din il-possibiltà jekk jara li hemm domanda.

31.3.14 Is-Sur Kearon Bruno issuġġerixxa li l-fondi għal attivitajiet kulturali fil-lokalità jibdew jingħataw f'ammonti akbar lil ħames lokalitajiet li jinbidlu kull sena. B'hekk kull lokalità tkun tista' tagħmel attività kbira darba kull tliet snin minflok waħda żgħira kull sena.

31.3.15 Il-President wieġeb li din il-ħaġa ma jaħsibx li tkun tajba jekk issir għax jixtieq li l-fondi jkunu qed jinqasmu l-istess kull sena għal kull lokalità.

## 31.4 Skeda ta' pagamenti;

31.4.1 Il-President ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 02/20A-1 u 02/20B-1 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

31.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sa Rita Grima u ssekondata minn Dr Kurstein Sant, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskedi ta' pagamenti msemmija.

## 31.5 Pjan ta' Ħidma 2020-2022

31.5.1 Il-President ressaq il-Pjan ta' Ħidma 2020-2022 li ġie ċċirkolat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġie unanimant ikkunsidrat bħala moqri.

31.5.2 Il-President reġa ta spjega fil-qosor tal-pjan ta' ħidma li r-Reġjun se jkun qed jimxi fuqu fis-snin li ġejjin.

31.5.3 Il-Kunsill Reġjonali unanimament approva l-Pjan ta' Ħidma 2020-2022 ta' Reġjun Nofsinhar.

## 31.6 Estimi Annwali 2020

31.6.1 Il-President ressaq l-Estimi Annwali għas-sena 2020 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

31.6.2 Il-President ta' spjega ta' kif l-allokazzjoni u l-fondi tar-Reġjun se jkunu mqassma matul is-sena.

31.6.3 Il-Kunsill Reġjonali unanimament approva l-Estimi Annwali 2020 ta' Reġjun Nofsinhar.

## 31.7 Affarijiet oħra;

**- Inizjattivi Edukattivi**

31.7.1 Il-President ressaq inizjattiva edukattiva minn Reġjun Nofsinhar li minnha jibbenefikaw il-Kunsilli Lokali mir-Reġjun li jagħmlu taħriġ fil-lokalità mil-lista ta' korsijiet offruta mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabbiltà (Lifelong Learning). Ir-Reġju

se jkun qed joffri elf (1000) ewro f’rimbors ta’ ħlas ta’ impjegati jew xiri ta’ apparat marbut ma’ dan it-taħriġ minbarra benefiċċji oħra li jingħataw mid-Direttorat.

31.7.2 Il-Kunsill Reġjonali unanimament approva din l-inizjattiva.

**- Proġett innovattiv minn Reġjun Nofsinhar**

31.7.3 Il-President ressaq abbozz ta’ proġett reġjonali innovattiv bl-isem ‘X’Ġabna s’hawn?’ Din se tkun esperjenza komunitarja reġjonali b’attività performattiva finali li tkun kunċert mużikali kompost minn mużika oriġinali u esklussiva, b’formazzjoni żagħżugħa u kitbiet Maltin kreattivi li jirrakkuntaw storja ta’ ġrajjiet u esperjenzi tar-residenti mir-Reġjun tan-Nofsinhar. Dan il-proġett se jkun jinvolvi residenti, soċjetajiet mużikali, għaqdiet u talenti lokali. Il-President informa li bħalissa għaddejjin diskussjonijiet mal-amministratur ta’ dan il-proġett biex jiġi ffurmat.

31.7.4 Il-Kunsill Reġjonali approva din l-inizjattiva.

**- Proġett Europe for Citizens f’Sardinia ma’ Comune di Usini**

31.7.5 Il-President ressaq stedina minn Comune di Usini f’Sardinia biex jipparteċipaw fi proġett bl-isem ‘Innovation Islands: Citizenship and sSolidarity for Young as Engines of Innovation’ li se jjsir bejn it-22 u s-26 ta’ April 2020. Dan il-proġett hu kopert minn fondi Ewropej apparti l-biljetti tal-ajru. Il-President issuġġerixxa li r-Reġjun jieħu sehem u toħroġ stedina lill-Kunsilli Lokali tar-Reġjun biex itellgħu rappreżentanti żgħażagħ mil-lokalità biex jipparteċipaw.

31.7.6 Il-Kunsill Reġjonali approva din l-inizjattiva.

## 30.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;

30.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.04 pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 27 ta' Frar 2020 fil-5.30pm.

Konfermati llum _____________________.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | Philip Carabott |
| President | Segretarju Eżekuttiv |